PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10360 — Assicurazioni Generali/Società Cattolica Di Assicurazione)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 390/07)

1. Fis-17 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Assicurazioni Generali S.p.A. ("Generali", l-Italja),

— Società Cattolica di Assicurazione S.p.A. ("Cattolica", l-Italja).

Generali takkwista, fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll waħdani tat-totalità ta' Cattolica.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' offerta pubblika mħabbra minn Generali fil-31 ta' Mejju 2021.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal Generali: il-provvista u d-distribuzzjoni ta' prodotti tal-assigurazzjoni tal-ħajja u mhux tal-ħajja, prodotti tar-riassigurazzjoni, servizzi ta' assistenza, u servizzi ta' ġestjoni tal-proprjetà immobbli u tal-assi.

— għal Cattolica: il-provvista u d-distribuzzjoni ta' prodotti tal-assigurazzjoni tal-ħajja u mhux tal-ħajja, prodotti tar-riassigurazzjoni, kif ukoll servizzi anċillari u ta' appoġġ.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja trid tiġi dejjem indikata:

M.10360 — Assicurazioni Generali/Società Cattolica Di Assicurazione

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz Elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 122964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË